MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Avviz Numru. 243/2011

**Elvin Magri**
**(ID 144777M)**
**vs**
**Raymond Falzon (ID 568861M) u martu Grace Falzon**
**(ID 543362M)**

Illum 30 ta’ Settembru 2013

Il-Qorti
Rat ir-rikors ippresentat fis-26 ta' Lulju 2011 mir-rikorrenti fejn huwa talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimati ihallsuh is-somma ta' disat elef, mitejn u tnejn u sebghin euro u erbgha u sebghin centezmu (€9,272,74) rappresnetanti l-bilanc ta' self moghti mir-rikorrenti lill-intimati.
Rat ir-risposta tal-intimati, zijiet tar-rikorrent, ippresentata fit-13 ta' Ottubru 2011 illi biha stqarrew li t-talba kif maghmulha hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi tali ammont tikkonsisti f'uzura, peress illi l-intimati kienu isselfu biss Lm3,000, jigifieri €6,990 u mhux Lm3,750

jigifieri €8,737.50 u l-intimati kienu gia hallsu parti minnha u il-bilanc dovut kien ferm anqas minn dak rikjest.

Rat il-ftehim privat ippresentat mill-intimat u datat 18 ta' Lulju 2006 a fol 9 tal-process kif ukoll dokumentazzjoni ohra skambjata bejn il-partijiet waqt id-diskussjoni li kien hemm bejniethom qabel ma infethet il-kawza.

Semghet ix-xhieda u kontro-ezami ta' **Elvin Magri** moghtija bil-gurament fl 1 ta' Frar 2012 u rat id-dokumenti minnu esebiti.

Rat l-Ittra Ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A ippresentat kontra l-intimati da' parte tar-rikorrenti fis 7 ta' Lulju 2009.

Rat il-prospett ippresentat mir-rikorrent fit 2 ta' Marzu 2012.

Rat illi fit 2 ta' Marzu 2012 ir-rikorrent iddikjara il-provi tieghu maghluqa.

Rat illi fil 25 ta' Mejju 2012 l-intimati u l-legali taghhom ma deherux filwaqt illi fil-5 ta' Ottubru 2012, filwaqt illi l-istess regghu ma dehrux, il-Qorti giet infurmata li l-intimat kien qed jipprova jasal fi transazzjoni.

Rat illi fil-15 ta' Ottubru, l-intimat u l-legali taghhom regghu ma dehrux u l-Qorti giet infurmata li transazzjoni ma sehhietx u ghalhekk il-kawza giet differita ghal-provi kollha tal-intimat fis 16 ta' Novembru 2012.

Semghet ix-xhieda u kontro ezami ta' **Raymond Falzon** moghtija fis 16 ta' Novembru 2012.

Rat illi fis-seduta tat 18 ta' Frar 2013, l-intimati u l-legali taghhom ma dehrux u fuq talba tal-legali tal-intimati permezz ta' rikors, l-kawza giet differita ghal ahhar darba ghal-provi intimati.

Rat illi fil 25 ta' Marzu, l-intimati u l-legali taghhom regghu ma dehrux u ghalhekk il-Qorti iddikjarat il-provi tal-intimati maghluqa wara illi kellhom sitt seduti sabiex jressqu l-provi taghhom.

Rat in-nota ta' sottomissjonijet ta' Elvin Magri ippresentata fis 6 ta' Mejju 2013 u dik tal-intimati Falzon ippresentata wkoll fis 6 ta' Mejju 2013.

Rat ir-rikors ta' Raymond Falzon ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ippresentat fis 6 ta' Mejju 2013, liema rikors gie michud fit 23 ta' Mejju 2013.

Rat in-nota ta' sottomissjonijet ulterjuri ta' Elvin Magri ippresentata fl 14 ta' Mejju 2013.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri ta' Raymond Falzon ippresentat fil 21 ta' Mejju 2013.
Rat nota ohra ta' sottomissjonijiet ta' Elvin Magri ippresentata fis 27 ta' Mejju 2013.
Rat nota ohra ta' sottomissjonijiet ta' Raymond Falzon ippresentata fid 29 ta' Mejju 2013 kif ukoll ohra ippresentata fit 2 ta' Lulju 2013

**Ikkunsidrat**
Illi l-kawza odjerna tirrigwarda self ghal konsum ossija self *brevi manu* moghti mir-rikorrenti lill-intimati fit-18 ta' Lulju 2006, li tieghu l-intimati hallsu biss parti minnu u ghad fadal bilanc li jrid jithallas lura lir-rikorrent.
Illi, waqt l-andament tal-provi, irrizulta li l-kwistjoni bejn il-partijiet tirrigwarda il-modalita' ta' kif sar is-self, kemm attwalment gie misluf flus u x'pagamenti saru attwalment mill-intimati.
Skond il-ftehim esebit mill-intimati, ir-rikorrent sellef lill-intimati is-somma ta' Lm3,750 u dana minghajr imghax, liema somma kellha tithallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' Lm312.50 fuq medda ta' tnax-il xahar. F'kaz illi jonqos fuq xi pagament, l-intimati kienu soggetti ghal penali ekwivalenti ghal Lm20 fix-xahar u, f'kaz illi jintalab il-hlas lura bl-arretrati permezz ta' Ittra Ufficjali, l-imghax bit-tmienja fil-mija ikun dovut ukoll.

**Ikkunsidrat**
Illi, skond il-verzjoni moghtija mir-rikorrent, l-intimati, illi huma zijiet tieghu, kellhom hanut tax-xorb fejn huwa kien jiffrekwenta ta' spiss u kellhom problemi finanzjarji. Darba minnhom kienu talbuh jislifhom xi flus, u di fatti kien sellifhom ammont ta' Lm2,400 u dana kienu raduhulu lura fil-periodu miftiehem ta' tnax-il xahar. Sussegwentement, kienu regghu talbulu somma ohra ta' flus, din id-darba tlett elef u sebgha mija u hamsin Liri Maltin, u huwa kien qabel li jaghtihomlhom.
Kien ghalhekk illi gurnata minnhom, huwa ha din is-somma fi flus kontanti, kollha fi valuta ta' Lm10 'l wahda, ghand l-intimati fid-dar taghhom u, wara illi l-intimati ghaddew il-flus lilhom mislufa, iffirmaw l-iskrittura ossija Ftehim Privat redatt mir-rikorrent stess fit 18 ta' Lulju 2006.

Eventwalment, l-intimati raddewlu lura tlett pagamenti ta' Lm315.50 'l wiehed imbghad waqaf jghaddilu l-pagamenti. Magri kien jcempel regolarment lill-intimat sabiex jitolbu l-hlas izda ghal xejn. Eventwalment, bghatlu ittra permezz ta' Avukat u sahansitra anke Ittra Ufficjali, izda baqa ma gara xejn. Ghalhekk eventwalment kellu jiftah il-kawza.
Minn naha l-ohra, skond l-intimat Raymond Falzon, huwa kellu bzonn xi flus peress illi l-hanut tieghu ma kienx sejjer daqstant tajjeb u talab lir-rikorrenti Lm1,000. Dana qallu illi ma kellux problema u qallu illi kien ser igibhomlu d-dar. Eventwalment, meta gie d-dar, huwa gablu Lm3,000 minflok Lm1,000 flimkien ma' karta illi kellhom jiffirmaw. L-intimat qallu illi ma kellux bzonn daqstant flus, izda r-rikorrent insista li jghaddihomlu u, peress illi r-rikorrent kien in-neputi taghhom u huma fdawh, hekk infatti sar.
L-intimat beda jaghmel il-pagamenti izda, f'mument minnhom, wara li ghamel tlett pagamenti, ma setax jaghmel aktar pagamenti kif miftiehem u talab lir-rikrorent illi jnaqqas ir-rata tal-pagament mensili sabiex ihallsu il-bilanc. Kien hemmhekk illi r-rikorrent qallu li attwalment l-intimat kellu jhallas aktar minn dak illi haseb l-intimat u f'dana l-istadju, hu ra id-dokument illi kien iffirma u idnuna li kien hemm miktub li kien indikat li huwa ssellef Lm3,750 filwaqt illi attwalment kien issellef Lm3,000.
Ir-rikorrent baqa' jigri wara l-intimat ghal flus u l-ewwel ghaddielu Lm250, imbghad, ftit wara, ghaddhielu Lm50 ohra u fl-ahhar nett tah Lm80 ohra, jigifieri total ta' Lm380, liema somma qatt ma giet indikata mir-rikorrent fir-records tieghu.
Ir-rikorrent sussegwentement beda jhedded lill-intimati u l-intimat talbu jaghtih ftit zmien ibiegh id-dar tieghu, liema dar eventwalment biegh, izda meta mar biex ihallsu wara li biegh id-dar, ir-rikorrenti qallu li issa kellu jhallsu Lm6,000, u ghalhekk ma hallas xejn. L-intimat talab ghal ghajnuna tal-Caritas, liema organizazzjoni indirizzatu biex jaghmel rapport lill-Puluzija, izda l-intimat ma' ridt ikabbar l-affarjiet. Mar ukoll ghand il-Knisja ghal ghajnuna izda dina ma setghetx tghinu peress illi gia kellu loan mal-Bank.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont tax-xhieda moghtija mill-partijiet, u l-implikazzjonijiet serji illi saru quddiem dina l-Qorti, il-Qorti hija kostretta illi tifli f'aktar dettall il-'ftehim privat' redatt mir-rikorrent u iffirmat mill-intimati, sabiex wiehed jifhem jekk l-allegazzjonijiet maghmulha mill-intimati huma veritjeri jew le.

L-ewwel u qabel kollox, jidher illi fil-ftehim hemm indikat illi l-intimati issellfu Lm3,750. Issa, skond ix-xhieda tar-rikorrent, huwa gab l-ammont kollu permezz ta' valuta monetarja ta' Lm10 il-wahda. Minn naha l-ohra, l-intimati jghidu illi huma kienu talbu ghal Lm1,000 u r-rikorrent kien attwalment gabilhom Lm3,000 minflok u, peress illi kienu jafdah la darba kien tal-familja, ma sabiex diffikulta li jaccettaw tali flus.

Illi l-Qorti, fuq dawna il-fatti, taraha kemmxejn stramba u inveritjera illi persuna li jitlob li jissellef il-flus sabiex ikun jista jaghmel tajjeb ghal-periodu hazin fit-tmexxija tal-hanut jitlob illi jinghata bhala self somma li ma hijiex wahda semplici u tonda, jigifier fl-eluf, kif dejjem isir meta wiehed jissellef il-flus.

Apparti minn hekk, huwa kemmxejn difficili illi l-Qorti temmen li persuna kienet disposta li taghti ammont ta' flus lill-persuna ohra minghajr ma jitlob ghal hlas ta' xi tip ta' imghax fuq tali somma - huwa vera illi jesistu persuni filantropici f'din id-dinja, izda il-Qorti ma tantx hija konvinta illi r-rikorrenti jaqa' taht tali kategorija ta' persuni.

Finalment, il-Qorti ma tistax ma tinnutax b'cert sorpriza kbira illi l-penali stabbilita fil-ftehim ta' Lm20 fix-xahar hija attwalment, b'kumbinazzjoni kbira, ekwivalenti ghal imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fuq somma ta' Lm3,000. Tali fatt certament jitfa aktar piz fuq l-argument imressaq mill-intimati illi r-rikorrent kien attwalment sellifhom Lm3,000.

Tali argument ikompli jissahhah bis-sottomissjoni illi saret da' parte tar-rikorrent illi, meta beda jiskatta l-imghax wara li l-intimati intbghatitilhom Ittra Ufficjali, huwa beda jitlob minn dakinhar il-hlas tal-imghax biss u mhux tal-penali ukoll. Ghalkemm ir-rikorrenti jindika tali fatt bhala koncessjoni da' parte tieghu, wiehed ma jistax ma jistaqsix ghaliex saret tali ghazla meta l-ftehim ma jikkontempla xejn minn dan.

Il-Qorti ma hijex qieghda taghti importanza lill-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet fejn ir-rikorrent, ftit xhur qabel ma giet intavolata il-kawza, iddikjara li kien dispost jirriduci l-pretensjoni tieghu ghal €7,500. Tali korrispondenza kienet skambjata fuq bazi ta' 'bla pregudizzju' u ghalhekk ma ghandhiex titqies mill-Qorti hija u taghmel il-konsiderazzjonijet taghha.
Madanakollu, il-Qorti ma tista ma tghidx illi hija konvinta mill-provi prodotti, illi r-rikorrent ma kienx qieghed jislef il-flus minghajr imghax, izda kien inkluda l-imghax direttament fis-somma indikata fil-ftehim minnu redatt, u hija konvinta illi attwament ir-rikorrent kien sellef is-somma ta' Lm3,000 ossija €6,990 lill-intimati u mhux is-somma ta' Lm3,750 kif imnizzel fil-ftehim.

**Ikkunsidrat**
Illi, mill-provi prodotti jirrizulta mhux ikkontestat illi l-intimat ghadda tlett pagamenti lir-rikorrenti li kienu jammontaw komplessivament ghal Lm937.50. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-intimat illi, wara insistenza u theddid da' parte tar-rikorrent, huwa hallsu somma ohra ta' Lm380 fi flus kontanti u fi tlett pagamenti differenti. Ghalhekk, jidher illi mis-somma mislufa mir-rikorrenti lill-intimati, huma radddew lura s-somma ta' Lm1,317.50, ossija €3,069.77. Tali somma ghandha certament titnnaqqas minn kwalsiasi somma dovuta mill-intimati

**Ikkunsidrat**
Illi, stabbilit kemm attwalment kien misluf u kemm intradd lura minn dak misluf, il-Qorti issa trid tezamina l-iskrittura maghmulha bejn il-partijiet sabiex jigi stabbilit jekk il-kundizzjonijiet hemm stabbiliti, kemm ta' penali kif ukoll ta' imghax, jghoddux aktar fil-kaz odjern.
Illi, il-Qorti, kif gia qalet precendentement, hija konvinta li s-self kien attwalment ta' Lm3,000 u ma kienx self bla imghax, kif qed jaghti l-impressjoni r-rikorrent, izda kien self b'imghax ta' 25% fis-sena, liema self izda gie inkorporat fis-somma totali dovuta b'mod illi tnizzel li l-ammont dovut kien attwalment ta' Lm 3,750 u mhux Lm3,000.

Kif qalet ben tajjeb il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza 'Christopher Cortis vs George Dalli et' Citazz Nru 759/10 CFS deciza fid 29 ta' April 2013,

*" ... ir-rikorrent qieghed jibbaza l-kawza fuq il-vinkolu kontrattwali u l-volonta` tal-partijiet li tigi ligi bejniethom u torbothom dwar dak li hemm miktub. F'dan kollu ghandu ragun sakemm il-Qorti tibqa' konvinta li dak li nkiteb huwa verament dak li gara; izda jekk il-Qorti hi konvinta li dan mhux minnu u specjalment meta l-istess kitba turi b'mod car li dak li nkiteb imur kontra d-dettami tal-ligi (bhal meta jigi stipulat imghax b'rata ferm aktar gholja minn dik permessa mil-ligi) l-Qorti m'ghandhiex tapplika l-massima pacta sunt servanda ghax tkun qed issir komplici fi ftehim illegali."*

Illi, komfortata b'tali dikjarazzjoni da' parte tal-Qorti tal-Prim Awla f'kawza simili, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghalhiex ghandha tapplika il-ftehim redatt mir-rikorrent u iffirmat mill-intimati.

Illi, madanakollu, jirrizulta car illi s-self li sar ma kienx wiehed bla imghax, izda kellu jkun hemm imghax fih, ghalkemm r-rikorrent talab imghax ferm oghla minn dak stabbilit fil-Ligi.

Illi jirrizulta ukoll illi l-ahhar pagament da parte tal-intimati sar f'Novembru 2006, kif jidher mill-ittra tal-konsulent legali tar-rikorrent stess fl-ittra tieghu datata 8 ta' Jannar 2008 a fol 17 tal-process. Ghalhekk, kwalsiasi imghax li ghandu jkun dovut mill-intimati, ghandu jibda jghodd mill 1 ta' Dicembru 2006 'l quddiem.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dawna il-fatti kif kollha stabbiliti, ikun opportun li l-Qorti tindika b'mod car x'kienu il-fatti tal-kaz kif il-Qorti hija konvinta dwarhom.

Ir-rikorrent sellef lill-intimati Lm3,000 u dahhal Lm750 bhala imghax ma' tali ammont, liema somma kollha kellha tithallas sa' Lulju 2007. Minn tali ammont lilhom misluf, l-intimati halsu lura Lm1,317.50, u l-ahhar pagament kien sar f'Novembru 2006. Dana ifisser illi l-bilanc attwalment dovut fl-ahhar ta' Novembru 2006 kellu jkun ta'

Lm1,682.50, ossija €3,920.22. Minn dakinhar, ma sar ebda pagament iehor.
Illi ghalhekk l-imghax ghandu jidekorri minn dakinhar illi ma sarx il-pagament 'l quddiem.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti
Rat il-provi kollha prodotti quddiem dina l-Qorti u semghet ix-xhieda tal-partijiet.
Rat id-diversi sottomissjonijiet illi saru bl-iskritt mill-partijiet.
Qieset il-fatti kollha tal-kaz bir-reqqa u tiddeciedi il kaz billi
Filwaqt illi **tichad** l-ewwel eccezzjoni tal-intimati, **tilqa** it-tieni u tielet eccezzjoni tal-intimati; u ghalhekk
**Tilqa** t-talbiet attrici limitatament kif gej u dana billi tiddikjara illi l-intimati ghandhom iroddu lura lir-rikorrent is-somma ta' tlett elef, disgha mija u ghoxrin euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€3,920.22) u ghalhekk
**Tikkundana** lill-intimati in soldium ihallsu lir-rikorrent is-somma ta' tlett elef, disgha mija u ghoxrin euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€3,920.22) flimkien mal-imghax bit-tmienja fil-mija mill 20 ta' Dicembru 2006, data meta kellu jsir il-pagament li kien imiss, sad-data tal-pagament effettiv.
Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------